FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 21 TA' GUNJU 2017

Il-Pulizija
(Spett Kylie Borg)

Vs

Josephine Dimech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 379262m akkuzata talli fil-30 ta' Dicembru 2012 gewwa Triq l-Arcisqof il-Belt Valletta, ghall-habta tal 14.00 ta' wara nofsinar:

1. waqt li kienet qed issuq jew fil-kontroll ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni CHD 311 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis ta regolamenti, ikkagunat il-mewt ta' Ruzarju Tonna;
2. talli fl-istess jum, hin lok u cirkostanzi saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni CHD 311 bi traskuragni jew b'mod perikoluz;
3. talli fl-istess jum, hin lok u cirkostanzi saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni CHD 311 b'velocita aktar milli missa;
4. irrendiet ruhu ricediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija hi tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan ghal perjodu li jidrilha xierqa din il-Qorti.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (folio 327) l-imputazjonijiet li l-imputata ghandha tirrispondi ghalihom huma: ta' omicidju involontarju (Artikolu 225/I Kap 9), ta' sewqan bla kont, b'trskuragni jew perikoluz, aggravat (Artikolu 15/i/a, 2 Kap 65), u l-eccess tal-velocita' (Regolament 127 tal-L.S 65.11. Oltre hija akkuzata bir-recidiva.

Dawn l-imputazzjonijiet huma segwitu ta' incident stradali li sehh fi Triq l-Arcisqof, il-Belt, ghal habta tas-2.00pm fil-waqt li l-imputata kienet qed issuq vettura numru ta' registrazzjoni CHD 311 u fl-liema incident safa miet certu Ruzarju Tonna li ntlaqat mill-vettura hekk kif kien jimbotta l-mutur tieghu biex idahhlu fir-residenza tieghu faccjata fejn kien ipparkeggjat fuq barra.

Dwar il-konfigurazzjoni ta' Triq l'Arcisqof din hi triq orizzontali li taqsam il-Belt minn naha tal-Port il-Kbir ghan-naha opposta, cjoe' Marsamxett. Hija dejqa tant li hija sens uniku u appena tghaddi karozza wahda partikolarment b'vetturi ipparkeggjati fuq naha wahda taghha. Hemm silta sinifikanti fir-rapport tal-espert tat-traffiku, il-Prokuratur Legali Mario Buttigieg, (anness fl-esebita inkjesta magisterjali, folio 69 et seq) li l-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisosta minnha. Din tghid li "Ruzarju Tonna (il-vittma) baqa jitkaxxar taht it-tali vettura ghal distanza ta' dsatax punt tnejn (19.2m) metru sakemm imbezaq il-barra u l-istess vettura kompliet miexja distanza ta' tmintax punt wiehed (18.1) metru ohra". Intant, jirrizulta bhala fatt ukoll li meta l-imputata regghet dahhlet f'Triq l'Arcisqof, wara li qasmat Triq il-Fran, d-distanza sa fejn sehh l-incident kien ta' tmienja punt seba hamsa (8.75m) metri, distanza, tafferma l-Qorti, sufficjenti biex l-imputata torrjenta ruhha dwar x'qed jigri madwara izda li ma tippruvax, anzi pjutost, teskludi, li l-velocita' kienet ta' 87kfs. Hu x'hinu l-kaz, il-Qorti taqbel mal-prosekuzzjoni li l-incident gara unikament minhabba nuqqas ta' 'proper look out' tal-imputata b'dan pero' li l-velocita' tal-vettura ma jinsabx pruvat fil-fehma tal-Qorti, li kien oltre il-limitu ta' 50kfs f'zoni urbani. B'daqstant pero' illi din tan-nuqqas ta' 'proper look out' tissaraf f'sewqan b'traskuragni kbira konsidrata it-triq u l-lokalita.

Fil-konfront tar-recidiva din tirrizulta mis-sentenzi esebiti fl-atti kontra l-imputata.

Issib ghalhekk l-imputata hatja tal-akkuzi riportati kontra taghha senjatament tal-ewwel, tat-tieni u r-raba izda
mhux tat-tielet li minnha tilliberha. Rat l-fedina penali taghha. Rat l-Artikolu 225(1), 49, 50, 17 u 28A tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65. Tikkundanna multa ta'€10,000, prigunerija ta' sena sospizi ghall-erba snin u tissospendilha l-licenzi kollha tas-sewqan ghal sitt xhur mill-lum.

A.M.Trigona

Magistrat